**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2018/2166(DEC)**

7.2.2019

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi
(2018/2166(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nirj Deva



Magħquda fid-diversità

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tar-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ("il-Qorti") dwar l-Assistenza mill-UE għall-Myanmar/Burma u r-rispons tal-Kummissjoni; jilqa' f'dan ir-rigward li l-UE kellha rwol ewlieni fl-appoġġ ta' prijoritajiet ta' żvilupp f'kuntest diffiċli u b'riżorsi tal-persunal limitati filwaqt li nnota li l-assistenza tal-UE nstabet li kienet biss parzjalment effettiva; jappoġġja lill-Qorti li tisħaq fuq il-ħtieġa biex tingħata aktar attenzjoni lill-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku, b'mod partikolari fl-ekonomiji emerġenti; fid-dawl tal-atroċitajiet iddokumentati mwettqa mill-armata tal-Myanmar, jesprimi tħassib kbir dwar l-appoġġ baġitarju settorjali kontinwu pprovdut mill-baġit tal-UE lill-Myanmar;

2. Jinsab preokkupat ħafna bit-tendenza attwali fil-proposti reċenti tal-Kummissjoni li jiġu injorati d-dispożizzjonijiet ġuridikament vinkolanti tar-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] f'dak li għandu x'jaqsam man-nefqa eliġibbli tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) u l-pajjiżi eliġibbli għall-infiq fil-qafas tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI); ifakkar li l-legalità tal-infiq tal-UE hija prinċipju kruċjali tal-ġestjoni finanzjarja tajba u li l-kunsiderazzjonijiet politiċi ma jmisshomx jieħdu preċedenza fuq dispożizzjonijiet ġuridiċi spjegati b'mod ċar; ifakkar li d-DCI huwa l-ewwel u qabel kollox strument imfassal biex jiġġieled il-faqar;

3. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni wieġbet għall-kummenti tal-Parlament dwar ir-Rapporti dwar il-Ġestjoni tal-Assistenza Esterna (RĠAE) u l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2018 dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2016[2], u għamlet bidliet sabiex ittejjeb dawn; Jinnota li l-Kummissjoni bagħtet ir-RĠAE tal-2017 lill-Parlament mingħajr restrizzjonijiet ta' kunfidenzjalità, iżda jiddispjaċih li l-aċċess għal dawn ir-rapporti *de facto* sar aktar ikkumplikat; jistenna bil-ħerqa aċċess iffaċilitat għall-Parlament għal dawn ir-rapporti fil-ġejjieni;

4. Jiddeplora l-pubblikazzjoni dejjem aktar tard tar-"Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni", li prattikament ixekkel is-sorveljanza tal-Parlament u l-akkontabilità pubblika, peress li r-rapport tal-2016 ġie ppubblikat biss f'Marzu 2018 u r-rapport tal-2017 għadu pendenti; jistieden lill-Kummissjoni biex tippubblika r-rapport tal-2018 sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru 2019 u biex iżżomm dan il-kalendarju għas-snin sussegwenti;

5. Jiddispjaċih li, f'kull rapport ta' attività annwali mill-2012 'il hawn, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp kellu joħroġ riżerva dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, fatt li jindika nuqqasijiet serji fil-ġestjoni interna;

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument finanzjarju tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).
[2] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

6. Jirrileva l-konstatazzjonijiet negattivi ħafna mill-Qorti dwar is-Sħubijiet Pubbliċi-Privati[1] (PPPs) u r-rakkomandazzjoni tal-Qorti "li ma jiġix promoss użu aktar intensiv u mifrux tal-PPPs" fi ħdan l-Unjoni; jitlob li l-Kummissjoni tqis din ir-rakkomandazzjoni bis-sħiħ meta tittratta l-PPPs f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, fejn l-ambjent għal implimentazzjoni b'suċċess tal-PPPs huwa saħansitra aktar diffiċli milli fl-Unjoni;

7. Jinnota li fl-2017, il-Kummissjoni ffirmat kuntratti ma' aġenziji tan-NU b'valur ta' kważi EUR 253,5 miljun ta' kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE, fejn il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (EUR 119,21 miljun), il-UNICEF (EUR 29,34 miljun) u l-Uffiċċju tas-Servizzi tal-Proġetti tan-Nazzjonijiet Uniti (EUR 20,05 miljun) huma l-akbar benefiċjarji, u l-kuntratti mal-Bank Dinji b'valur ta' EUR 174,11 miljun;

8. Jemmen li l-promozzjoni tal-paċi, tas-sigurtà u tal-ġustizzja fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp hija ta' importanza enormi għall-Unjoni biex il-kawżi tal-migrazzjoni jiġu indirizzati mill-għeruq; jirrikonoxxi li n-nefqa relatata mas-sigurtà hija partikolarment rilevanti fl-isforzi attwali biex tiġi indirizzata, b'mod komprensiv, ir-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp u biex jinkisbu riżultati fir-rigward tal-Għan 16 tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

9. Ifakkar li l-UE hija impenjata b'mod kollettiv li tipprovdi 0,7 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross bħala ODA; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħejju u jippreżentaw skedi ta' żmien plawsibbli biex żieda gradwali bħal din tilħaq dan il-livell; jiddispjaċih li l-UE u l-Istati Membri tagħha, fl-2017, ma għamlux progress biex jintlaħaq dan l-għan, filwaqt li l-ODA ġenerali tal-UE naqset minn 0,51 % għal 0,50 % u diversi pajjiżi naqsu l-ODA tagħhom; isostni li l-għajnuna għall-iżvilupp tal-Unjoni għandha tintefaq b'mod aktar effikaċi u li l-ODA għandha tkun immirata lejn setturi fejn l-aktar hemm bżonnha, jiġifieri l-bini tal-kapaċità, il-governanza tajba, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-agrikoltura, il-provvista tal-ilma u s-sanità, kif ukoll l-enerġija; jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ ta' manutenzjoni bl-involviment ta' esperti tekniċi mħarrġa lokalment; ifakkar fl-impenn tiegħu li jintlaħaq l-għan ta' 0,15-0,20 % ta' ODA/ING lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati f'terminu qasir u 0,20 % sal-2030;

10. Fid-dawl tal-bidla fil-modalitajiet tal-għajnuna minn għotjiet diretti għal fondi fiduċjarji u finanzjament imħallat, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jadottaw ftehim interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew dwar it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-iskrutinju parlamentari, fuq il-bażi tal-prinċipji ta' politika stabbiliti fil-Kunsens Ewropew il-Ġdid dwar l-Iżvilupp;

11. Jitlob li l-programm "Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ" jiġi estiż lil hinn mill-Ewropa, b'mod partikolari għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, filwaqt li jiġu pprovduti l-mezzi finanzjarji neċessarji;

12. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet għal titjib fit-trasparenza tal-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs ippubblikati fir-rapport speċjali 2018/35 tal-Qorti, li, fost affarijiet oħra, tirrakkomanda li l-Kummissjoni ttejjeb l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar l-NGOs fis-sistema kontabilistika tagħha, u li l-Kummissjoni ttejjeb l-informazzjoni li tingabar dwar il-fondi implimentati mill-NGOs; jitlob, għalhekk, li l-Kummissjoni timplimenta

[1] Rapport Speċjali Nru 9/2018: Sħubija Pubblika-Privata fl-UE. Nuqqasijiet mifruxa u benefiċċji limitati

dawn il-proposti qabel tmiem il-mandat kurrenti;

13. Jirrikonoxxi bis-sħiħ in-natura kumplessa ta' bosta sfidi u l-ħtieġa għal azzjonijiet ta' rispons multidimensjonali u komplementari, iżda jisħaq fuq il-ħtieġa għal ċarezza f'arranġamenti ta' finanzjament u r-rispett tal-impenji internazzjonali;

14. Jitlob approċċ għall-iżvilupp abbażi ta' inċentivi permezz tal-introduzzjoni tal-prinċipju "aktar għal aktar", fuq l-eżempju tal-Politika Ewropea tal-Viċinat; jemmen li aktar ma pajjiż jagħmel progress fir-riformi interni tiegħu għall-bini u l-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u aktar ma jħaffef il-pass ta' tali progress, aktar għandu jirċievi appoġġ mill-Unjoni;

15. Jirrikonoxxi li ebda pajjiż ma żviluppa bla ma daħal f'aktar relazzjonijiet kummerċjali mal-ġirien tiegħu u mal-bqija tad-dinja; iħeġġeġ ulterjorment il-finanzjament ta' għajnuna għall-attivitajiet kummerċjali, sabiex il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ikunu jistgħu jieħdu sehem ħafna iktar f'katini ta' valur globali fil-futur; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li qed isir aktar importanti li l-konnettività diġitali tikber, sabiex il-benefiċċji tal-globalizzazzjoni jitqassmu b'mod aktar bilanċjat favur il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;

16. Jissottolinja li huwa importanti ħafna li l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jiġu appoġġjati, u jitlob b'mod partikolari li jiġu stabbiliti soluzzjonijiet lokali li jagħtu aktar aċċess għall-finanzi b'aktar tisħiħ tas-sistema ta' self u ta' garanziji mikrofinanzjarji;

17. Jissottolinja l-importanza ta' żieda fl-allokazzjoni ta' fondi maħsuba biex jappoġġjaw il-governanza tajba, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, bil-għan li jinġiebu 'l quddiem istituzzjonijiet responsabbli u trasparenti, jiġi appoġġjat il-bini tal-kapaċità u jitrawmu proċessi deċiżjonali parteċipattivi u aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni;

18. Jenfasizza li huwa importanti li jkun hemm provvisti tal-ilma nadif u li jinbnew faċilitajiet addizzjonali għall-ilma ta' skart;

19. Jiġbed l-attenzjoni għall-iskala u l-implikazzjoni tal-faqar enerġetiku fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u għall-involviment qawwi tal-Unjoni fl-isforzi biex dan il-faqar jitnaqqas; jissottolinja l-ħtieġa ta' sforzi qawwija u kkoordinati mill-gvernijiet u l-partijiet interessati fil-pajjiżi affettwati biex inaqqsu l-faqar fl-enerġija.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 22.1.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 16<br>–: 1<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mireille D'Ornano, Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Bogusław Sonik, Eleni Theocharous, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marina Albiol Guzmán, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Stefan Gehrold, Maria Noichl, Judith Sargentini |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 16 | + |
|---|---|
| ECR | Eleni Theocharous |
| PPE | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Stefan Gehrold, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Bogusław Sonik, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| S&D | Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Linda McAvan, Norbert Neuser, Maria Noichl, Vincent Peillon, Elly Schlein |

| 1 | - |
|---|---|
| EFDD | Mireille D'Ornano |

| 4 | 0 |
|---|---|
| GUE/NGL | Marina Albiol Guzmán, Lola Sánchez Caldentey |
| VERTS/ALE | Maria Heubuch, Judith Sargentini |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni